

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Baġits

2007/0249(COD)

3.6.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (COM(2007)0699 – C6-0428/2007 – 2007/0249(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Umberto Guidoni

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' suq waħdieni effettiv tat-telekomunikazzjonijiet fl-UE, il-Kummissjoni qed tipproponi Awtorità ġdida indipendenti li taħdem b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (NRAs) u mal-Kummissjoni. L-Awtorità l-ġdida, li ttrispjond lill-Parlament Ewropew, se tinkludi bord ta' regolaturi magħmul mill-kapijiet ta' l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali ta' l-Istati Membri ta' l-UE kollha.

L-awtorità l-ġdida se tagħti opinjoni esperta lill-Kummissjoni, se ttejjeb il-konsistenza fl-applikazzjoni tar-regoli ta' l-UE u se taġixxi bħala ċentru ta' għarfien espert għan-netwerks ta' komunikazzjoni elettronika u s-servizzi fuq il-livell ta' l-UE. L-Awtorità l-ġdida għandha anki tiegħu f'idejha l-funzjonijiet ta' l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infurmazzjoni (ENISA – European Network and Information Security Agency), biex b'hekk jingħelbu ħafna mill-problemi li ġew identifikati f'ħidmet l-ENISA..

Il-proposta, fl-Artikolu 38(10) tagħti kwittanza lill-Parlament Ewropew.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-Kumitat responsabbli biex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

(12) Dan jitlob l-istabbiliment ta' entità Komunitarja ġdida, ***l-Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi*** (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-“Awtorità”). L-Awtorità għandha tagħmel kontribut effettiv biex tavvanza l-proċess ta' l-ikkompletar tas-suq intern permezz ta' l-assistenza tagħha lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Din tkun topera bħala punt ta' referenza u tistabbilixxi kunfidenza minħabba l-indipendenza tagħha, il-kwalità tal-pariri li tagħti u l-infurmazzjoni li xxerred, it-trasparenza tal-proċeduri tagħha u l-metodi ta' ħidma, u d-diliġenza tagħha fit-twettiq tal-kompiti

Emenda

(12) Dan jitlob l-istabbiliment ta' entità Komunitarja ġdida, ***bbażata fuq it-tisħiħ tal-Grupp tar-Regolaturi Ewropej (ERG)*** (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-“Awtorità”). L-Awtorità għandha tagħmel kontribut effettiv biex tavvanza l-proċess ta' l-ikkompletar tas-suq intern permezz ta' l-assistenza tagħha lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali. Din tkun topera bħala punt ta' referenza u tistabbilixxi kunfidenza minħabba l-indipendenza tagħha, il-kwalità tal-pariri li tagħti u l-infurmazzjoni li xxerred, it-trasparenza tal-proċeduri tagħha u l-metodi ta' ħidma, u d-diliġenza tagħha fit-twettiq

assenjati lilha.

tal-kompiti assenjati lilha.

Ġustifikazzjoni

Ma hemmx bżonn li tinħoloq aġenzija ġdida. Minflok, għandu jkun hemm entità bħal ERG msahħha inkorporata fil-liġi ta' l-UE. Id-deċiżjoni ta' l-Awla Manja tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tat-2 ta' Mejju 2006 fil-każ C-217/04 Uk vs Parlament u Kunsill tindika li l-Artikolu 95 jista' jintuża bħal bażi għat-twaqqif ta' entità tal-Komunità. Dan jagħti iktar spazju biex jingħata aktar poter lill-ERG billi dan il-Grupp jingħata personalità legali u għalhekk indipendenza.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) **L-Awtorità** għandha taġixxi bħala ċentru ta' għarfien espert fuq il-livell Ewropew dwar kwistjonijiet ta' sigurtà tan-netwerks u ta' l-informazzjoni, fejn tipprovdi gwida u pariri lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni jew lill-entitajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri. Is-sigurtà u s-saħħa tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet u tas-sistemi ta' informazzjoni għadhom tħassib primarju għas-soċjetà u jikkostitwixxi element ewlieni fil-qafas regolatorju ta' l-UE għan-netwerks u s-servizz tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Hemm ir-riskju li l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern jiddgħajjef minħabba applikazzjoni eteroġenja tad-dispożizzjonijiet relatati mas-sigurtà kif stabbiliti fid-*Direttiva Kwadru* u fid-*Direttivi Speċifiċi*. L-opinjoni ta' **L-Awtorità** li tipprovdi pariri tekniċi fuq it-talba tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri għandha tiffaċilita l-applikazzjoni konsistenti ta' dawk id-direttivi fil-livell nazzjonali.

Emenda

(24) **ENISA estiża** għandha taġixxi bħala ċentru ta' għarfien espert fuq il-livell Ewropew dwar kwistjonijiet ta' sigurtà tan-netwerks u ta' l-informazzjoni, fejn tipprovdi gwida u pariri lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni jew lill-entitajiet kompetenti maħtura mill-Istati Membri. Is-sigurtà u s-saħħa tan-netwerks tal-komunikazzjonijiet u tas-sistemi ta' informazzjoni għadhom tħassib primarju għas-soċjetà u jikkostitwixxi element ewlieni fil-qafas regolatorju ta' l-UE għan-netwerks u s-servizz tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Hemm ir-riskju li l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern jiddgħajjef minħabba applikazzjoni eteroġenja tad-dispożizzjonijiet relatati mas-sigurtà kif stabbiliti fid-*Direttiva ta' Qafas* u fid-*Direttivi Speċifiċi*. L-opinjoni ta' l-ENISA, **b'mandat estiż, minħabba li hi inkluża kemm fid-Direttorat Ġenerali tas- Soċjetà ta' l-Informatika u l-Midja u kemm fid-Direttorat Ġenerali Ġustizzja, Libertà u Sigurtà u** li tipprovdi pariri tekniċi fuq it-talba tal-Kummissjoni u ta' l-Istati Membri għandha tiffaċilita l-applikazzjoni konsistenti ta' dawk id-direttivi fil-livell nazzjonali.

Ġustifikazzjoni

Il-mandat ta' l-ENISA jiskadi fl-2009 u sakemm ma jkunx hemm entità oħra li tibda twettaq il-kompiti tagħha, in-Netwerk Ewropew u s-sigurtà ta' l-informazzjoni ma jistgħux ikunu mmonitorjati u trattati b'mod xieraq. Barra minn hekk, bħalissa għaddejjja it-tieni evalwazzjoni ta' l-ENISA. Għalhekk, deċiżjoni definittiva dwar il-futur ta' l-ENISA, għandha tistenna r-riżultati ta' din l-evalwazzjoni.

Emenda 3

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Qed tiġi stabbilita ***Awtorità tas-Suq Ewropew tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi*** bir-responsabbiltajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

1. Qed jiġi stabbilit ***Grupp tar-Regolaturi Ewropej (ERG) imsaħħaħ bħala l-awtorità*** bir-responsabbiltajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Ġustifikazzjoni

Ma hemmx bżonn li tinħoloq aġenzija ġdida. Minflok, għandha tinħoloq entità bħal ERG imsaħħaħ inkorporata fil-liġi ta' l-UE. Id-deċiżjoni ta' l-Awla Manja tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tat-2 ta' Mejju 2006 fil-każ C-217/04 Uk vs Parlament u Kunsill tindika li l-Artikolu 95 jista' jintuża bħal bażi għat-twaqqif ta' entità tal-Komunità. Dan jagħti iktar spazju biex jingħata aktar poter lill-ERG billi dan il-Grupp jingħata personalità legali u għalhekk indipendenza.

Emenda 4

Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Id-Direttur għandu jħejji rapport annwali dwar l-attività għall-Awtorità, flimkien ma stqarrija ta' assicurazzjoni. Dawn id-dokumenti għandhom ikunu ppubblikati.

Ġustifikazzjoni

Skond ir-regoli li bħalissa qedgħin fis-seħħ, kull direttur ta' aġenzija għandu jiddeċiedi jekk

jagħmilx jew le rapport annwali dwar l-attività u d-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni. Għalhekk, xi wħud jagħmluhom u xi wħud ma jagħmluhomx. Minħabba raġunijiet ta' konsistenza, ikun aħjar jekk id-diretturi kollha jagħmluhom.

Emenda 5

Proposta għal regolament Artikolu 38 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 38a

Sistemi ta' kontroll interni

L-awditur intern tal-Kummissjoni se jkun responsabbli għall-verifika tas-sistemi ta' kontroll interni ta' l-Awtorità.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tkun iċċarata l-pożizzjoni dwar ir-responsabilità għall-verifika.

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 39

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità għandhom jitfasslu mill-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawk ir-regoli jistgħu jiddevjaw mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jekk il-ħtiġiet operattivi speċifiċi għall-funzjonament ta' l-Awtorità jeħtieġu dan u **biss** bil-**qbil** preċedenti tal-Kummissjoni.

Ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Awtorità għandhom jitfasslu mill-Bord Amministrattiv wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni. Dawk ir-regoli jistgħu jiddevjaw **biss** mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 jekk il-ħtiġiet operattivi speċifiċi għall-funzjonament ta' l-Awtorità jeħtieġu dan u bil-kunsens preċedenti tal-Kummissjoni.

Ġustifikazzjoni

Sabiex tkun armonizzata t-terminoloġija mal-proposti riċenti dwar l-Impriżi-Konġunti.

PROCEDURE

Title	European Electronic Communications Market Authority
References	COM(2007)0699 – C6-0428/2007 – 2007/0249(COD)
Committee responsible	ITRE

Opinion by

Date announced in plenary	CONT 10.12.2007
---------------------------	------------------------

Drafts(wo)man

	Date appointed	Umberto Guidoni 22.1.2008
Date adopted	2.6.2008	
Result of final vote	+: 9 -: 2 0: 0	
Members present for the final vote	Jean-Pierre Audy, Herbert Bösch, Paulo Casaca, Jorgo Chatzimarkakis, Esther De Lange, Szabolcs Fazakas, Dan Jørgensen, Bogusław Liberadzki, Nils Lundgren, Ashley Mote, José Javier Pomés Ruiz	
Substitute(s) present for the final vote	Paul Rübzig	

